**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**14 ta’ Jannar 2020**

**Rikors Numru 37/2019**

**Ian Grech**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta’ **Ian Grech** ipprezentat fit-12 ta’ April 2019 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*“Illi fid-decizjoni fuq citata l-Kummissarju tal-Pulizija cahad it-talba tal-istess esponenti sabiex tinhariglu l-licenzja ta’ Gwardjan Privat u dan ai termini ta’ Artikolu 10(a)(iii) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Ufficjali fil-Komunita’ (Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta);*

*Illi l-esponenti jhossu aggravat b’din id-decizjoni u qieghed jinterponi appell kif gej:*

*1. Illi filwaqt li huwa minnu li l-Kummissarju ‘ghandu’ jirrifjuta tali applikazzjoni meta applikant ikun hati ta’ reat jew xi nuqqas iehor fl-imgiba, huwa accettat li hadd ma huwa kundannat ghal dejjem. Individwu jaf jista’ jirriabilita ruhu u s-socjeta’ mhux biss ghandha d-dover li taghti l-opportunita’ ghal dan kif jigri anke f’cirkustanzi diversi izda wkoll ghandha l-interess li l-ebda wiehed mic-cittadini taghha ma jinzamm milli jimxi ‘l quddiem;*

*2. Illi skont l-istess ligi fuq citata jidher car li huwa l-Kummissarju tal-Pulizija biss li huwa obbligat bil-ligi li jirrifjuta tali applikazzjoni. F’dan l-appell dan it-Tribunal ma ghandux tali limitazzjoni u jista’ jvarja, ibiddel u sahansitra jmur kontra l-istess decizjoni minghajr ebda limitu;*

*Ghalhekk l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal jikkonsidra li jbiddel u/jew jemenda d-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija b’dan illi ghandu jiddeciedi li l-esponent Ian Grech ghandha*

*tinhariglu l-licenzja ghal Gwardjan Privat taht dawk il-kundizzjonijiet li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq u opportun fic-cirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 7 ta' Mejju 2019 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Illi l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni ta` l-istess esponent li ma joħroġx il-liċenzja ta` gwardjan privat lir-rikorrent a bażi tal-Artikolu 10 (a) (iii) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent kien jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija sa minn nhar it-28 ta' Ġunju tal-1994, u **ġie mkeċċi mill-Korp tal-Pulizija** nhar it-12 ta' Awissu tal-2013 wara li nstab ħati talli "bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku u in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor, xi rigali jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta kien sabiex jonqos li jagħmel dak li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel u b'dan ukoll illi barra milli aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta fil-fatt naqas li jagħmel dak li kien fid-dmir li jagħmel", u "bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku sar ħati ta' reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga jew impjieg tiegħu ta' Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsir"*[1]*. **Il-Kummissarju esponent ikkunsidra li dan ir-reat jinkwadra perfettament taħt l-Artikolu 10 (a) (iii) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-Artikolu 10 (a) ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda **jimponi obbligu fuq il-Kummissarju** li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) ta` l-istess Kapitolu 389;*

4. *Illi finalment b'referenza għall-punt numru 2 tar-rikors tal-attur u għat-talba mqajma minnu, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent."*

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sarah Magri;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

---

[1] Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Mejju, 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ian Grech – Nru: 683/2013,** Maġistrat Dr Doreen Clarke.

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 21 ta' Marzu 2019 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"Ghandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tigi rrifjutata peress illi jirrizulta li inti tkeccejt mill-Pulizija ta' Malta minhabba xi reat jew xi nuqqas iehor fl-imgiba u dan ai termini tal-Artikolu 10(a)(iii), tal-Att dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita' (Kap 389, tal-Ligijiet ta' Malta)."*

**Ir-rikorrent** xehed illi huwa applika biex jinghata l-licenzja ta' gwardjan privat. Jispjega li hu jahdem *part-time* ma' G4S Security bhala *porter* go lukanda. Huwa pprezenta wkoll kopja ta' ittra ffirmata mill-Head of Operations ta' G4S Malta li tghid li l-istess Kumpanija hija sodisfatta hafna bil-prestazzjoni tax-xoghol tar-rikorrent u li tixtieq taghtih l-opportunita` li jahdem fuq bazi *full time*.

**L-Ispettur Sarah Magri**, in rapprezentanza tal-Kummissarju intimat, xehdet illi meta saru r-ricerki min-naha tal-Kummissarju, irrizulta illi fl-2013 ir-rikorrent kien gie misjub hati ta' reati kriminali u wkoll illi kien gie mkecci mill-Korp tal-Pulizija fit-12 ta' Awwissu 2013.[2] Ghaldaqstant, abbazi ta' din l-informazzjoni l-applikazzjoni tieghu giet rifjutata.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-atti jirrizulta illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata 13 ta' Mejju 2013, ir-rikorrent gie misjub hati tar-reat ta' korruzzjoni.[3] Wara din id-decizjoni ir-rikorrent gie mkecci mix-xoghol, u cioe`, minn kuntistabbli tal-Pulizija.[4]

Illi r-rikorrent isejjes l-appell tieghu fuq il-fatt li, skont hu, ghalkemm il-ligi taghmilha tassattiva li l-Kummissarju intimat jirrifjuta l-applikazzjoni tieghu, hadd ma ghandu jigi kkundannat ghal dejjem sabiex, jekk wiehed jirriabilita ruhu, ikun jista' jimxi 'il quddiem. Ukoll, ir-rikorrent jishaq illi ghalkemm il-Kummissarju intimat ghandu l-limitazzjoni x'jista' jaghmel u ma jaghmilx, dan it-Tribunal, min-naha l-ohra m'ghandu l-ebda limitazzjoni, u sahansitra jista' jmur kontra d-decizjoni appellata.

---

[2] Ara ittra datata 15 ta' Jannar 2019 ipprezentta bhala Dokument SM3 a fol. 40
[3] Dokument SM4 a fol. 41
[4] Dok PSC a fol.53

Illi jibda biex jinghad illi il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hija biex jirrevedi decizjonijiet amministrattivi u mhux biex jarroga fuqu dik id-diskrezzjoni li jista' jkollha awtorita` pubblika. Issa f'dan il-kaz jirrizulta illi lanqas diskrezzjoni m'ghandu l-Kummissarju u dan ghaliex skont artikolu 10 (a) (iii) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta :

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant –*

*(i) ....*

*(ii) ....*

*(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizzi tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġieba;"*

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi fil-fatt ir-rikorrent tkecca minhabba r-reati mwettqa minnu. Kwindi dan it-Tribunal ghalkemm jaqbel illi persuna li tkun irriabilitat ruhha ghandha tinghata kull ghajnuna biex timxi 'l quddiem, madankollu l-istess Tribunal irid japplika l-ligi kif inhi u ma jistghax ikun bl-ebda mod soggettiv fil-gudizzju tieghu. Kif del resto ma jistghax ikun il-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-kaz odjern, il-Kummissarju intimat ma kellu l-ebda diskrezzjoni x'jezercita u ried bilfors johrog ir-rifjut. Kieku ghamel mod iehor kien ikun qieghed imur kontra dak li trid il-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, filwaqt li jifhem u japprezza l-argument tar-rikorrent, ma jsibx illi l-Kummissarju intimat b'xi mod seta' jilqa' l-applikazzjoni tieghu ghal-licenzja ta' gwardjan privat.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**